# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi N. Sant)**

**vs**

**Marcos Garcia Sanz**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Marcos Garcia Sanz,** detentur tal-karta tal-identita' Spanjola numru 52007107J, fejn ġie akkużat talli nhar is-6 ta' Mejju 2016 u/jew fil-ġurnata u l-ħinijiet ta' qabel minn ġewwa Bar Native, li jinsab fi Turġien Santa Rita, San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi : - ikkommetta serq ta' mobile phone tal-għamla Samsung għad-dannu ta' persuna mhux magħrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37 u bil-ħin (Art. 261(c)(f), 267, 270, 279(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Mejju 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-interpretu nominat u mill-konsulent legali tiegħu dottor Martin Fenech bħala avukat tal-għajnuna legali, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u li ġew debitament reġistrati fl-att ta' dan il-każ;

Semgħet lill- Uffiċjal Prosekutur li tenna li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li kien irritorna l-mobile phone in kwistjoni u għalhekk il-piena idoneja li l-Qorti setgħet tikkonsidra kienet dik ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha.

Semgħet lill-Avukat Difensur li saħaq li : -

1. L-imputat għandu fedina penali netta;
2. huwa ammetta l-ħtija tiegħu fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri;
3. il-mobile phone kien jinsab fi stat diżastruż;
4. ħadd ma rreklama lura l-mobile phone in kwistjoni.

## ***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qegħda ssib lil **Marcos Garcia Sanz**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Kwantu għall-piena l-Qorti, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u wara li rat l-istat attwali tal-mobile phone in kwistjoni qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Iżda wara li rat l-Artikoli 28A(1) u 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

***Mogħtija illum l-14 ta' Mejju 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***